A.L. 187 ta' l-2003

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ L-INCOME (KAP. 123)

Regolamenti ta' l-2003 dwar il-Kreditu ta' Taxxa għall-Investiment mill-Ġdid

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 14(2) u 96 ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att", il-Ministru tal-Finanzi u Affarijiet Ekonomiċi għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2003 dwar il-Kreditu ta' Taxxa għall-Investiment mill-Ġdid.

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx titlob xort'oħra:

"Korporazzjoni" tfisser l-Istitut magħruf bħala *Institute for Promotion of Small Enterprise Limited*;

"Kummissarju" tfisser il-Kummissarju tat-Taxxi Interni;

"nefqa kwalifikanti" tfisser in-nefqa ta' xorta kapitali esklużivament finanzjata minn profitti eliġibbli, li ssir bħala parti minn proġett ta' investiment mill-ġdid eliġibbli kif approvat mill-Korporazzjoni fil-ksib ta' impjant u makkinarju li jkun ġdid fjamant, iżda esklużi vetturi tal-mutur kemm-il darba dawn ma jkunux vetturi kummerċjali speċjalizzati li jkunu essenzjali għall-implimentazzjoni tal-proġett:

Iżda l-Korporazzjoni tista', fid-diskrezzjoni assoluta tagħha, tapprova nefqa fi ħdan proġett ta' investiment mill-ġdid eliġibbli, li ssir fil-kisba ta':

i. impjant u makkinarju sekondaman, rinnovat jew rikondizzjonat;

ii. kull estensjoni għal xi bini industrijali jew struttura eżistenti, inkluża n-nefqa ta' art li tifforma parti integrali minn dik l-estensjoni;

Iżda wkoll dik in-nefqa għandha ssir fuq attiv -

i. li jintuża għall-ewwel darba f'Malta; u

ii. li dwaru ebda benefiċċju jew inċentiv ta' taxxa fuq it-taxxa ta' l-*income* tax ma jkun qabel inkiseb taħt xi liġi oħra li tkun;

"persuna eliġibbli" tfisser persuna residenti f'Malta li tikseb profitti eliġibbli li jiġu investit mill-ġdid fi proġett ta' investiment mill-ġdid eliġibbli approvat mill-Korporazzjoni u li jkun konformi mal-ħtiġiet tar-regolament 3 ta' dawn ir-regolamenti;

"profitti eliġibbli" tfisser *income* li jinkiseb minn xi attivita li ssir f'Malta u li fuqha titħallas taxxa taħt id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 4(1)(a) ta' l-Att u maħduma skond id-disposizzjonijiet ta' l-Att, u mwarrba għall- iskop esklużiv li jsir il-finanzjament ta' proġett ta' investiment mill-ġdid approvat;

"profitti kwalifikanti" tfisser *income* li jinkiseb mill-istess attivita li fiha jkunu nqalgħu profitti eliġibbli, maħdumin skond id-disposizzjonijiet ta' l-Att, li jkun meħlus minn kreditu ta' taxxa li jingħata għal investiment mill-ġdid;

"proġett ta' investiment mill-ġdid eliġibbli" tfisser proġett approvat mill-Korporazzjoni taħt dawn ir-regolamenti, li dwaru tkun saret nefqa kwalifikanti u li ssir u tinżamm fl-ambitu tan-negozju għal mill-inqas sentejn jew għal dak il-perjodu iqsar li l-Korporazzjoni tista' tqis adatt minħabba fix-xorta tal-proġett;

"sena bażi" tfisser is-sena li matulha jkun inqala' l-profitt eliġibbli li jiġi investit mill-ġdid u li jiġi sussegwentement dikjarat fil-prospett ta' taxxa għas-sena ta' stima relattiva.

Applikazzjoni u eliġibilità.

3. (1) Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għal persuni eliġibbli li jiksbu profitti eliġibbli f'xi waħda mis-snin ta' stima 2003 sa 2005 u li jiġu investiti mill-ġdid fi proġett ta' investiment mill-ġdid eliġibbli fi żmien tliet snin minn tmiem is-sena bażi.

(2) Sabiex tkun tista' tikkwalifika għall-benefiċċji taħt dawn ir-regolamenti, persuna kien imissha fis-sena bażi:

(i) kellha *turnover* ta' mhux iżjed minn Lm250,000, u

(ii) kellha milli-inqas żewġ impjegati iżda mhux iżjed minn ħamsa li minnhom mill-inqas tnejn kienu impjegati *full time*, u

(iii) kienet reġistrata bħala FSS *payor* taħt ir-Regoli tal-Final Settlement System (FSS): A.L. 88 ta' l-1998.

Iżda fil-każ ta' kumpannija li tipprepara l-kontijiet finanzjarji tagħha f'munita li ma tkunx dik ta' liri ta' Malta, it-*turnover* għandu jiġi konvertit f'liri ta' Malta billi ssir riferenza għar-rata ta' kambju tan-nofs kif stabbilita mill-Bank Ċentrali ta' Malta.

(3) Persuna li tkun bi ħsiebha tibbenefika mill-inċentiva provduta b'dawn ir-regolamenti, għandha, sa mhux iżjed tard minn xahar wara d-data tal-prospett ta' taxxa relattiv, tavża lill-Korporazzjoni b'dik l-intenzjoni tagħha għal kull sena bażi permezz ta' ittra ta' applikazzjoni fejn tiġi speċifikata dik l-intenzjoni u jiġu provduti dawn id-dettalji li ġejjin:

(i) l-isem tal-persuna, l-indirizz, in-numru ta' reġistrazzjoni tat-taxxa fuq l-*income* u n-numru ta' min iħaddem;

(ii) il-profitt dikjarat għas-sena bażi;

(iii) l-ammont ta' profitti eliġibbli li għandhom jitwarrbu bil-għan ta' investiment mill-ġdid;

(iv) it-*turnover* għas-sena bażi;

(v) l-għadd ta' impjegati imqabbda jagħmlu dak ix-xogħol matul is-sena, b'distinzjoni bejn dawk *part-time* u *full-time*;

(vi) il-perjodu li matulu għandu jsir l-investiment mill-ġdid;

(vii) id-dettalji tal-proġett ta' investiment mill-ġdid, bi *breakdown* ta' l-intestaturi prinċipali ta' nfiq;

(viii) ċertifikat maħruġ minn *Certified Public Accountant and Auditor* fejn jiġi kkonfermat li l-proġett ta' investiment mill-ġdid ikun wieħed vijabbli, li l-ispejjeż involuti jkunu raġonevoli u ġusti skond il-valuri tas-suq, u li l-investiment mill-ġdid ikollu l-kapaċita li jespandi n-negozju:

Iżda persuna li tonqos milli tavża lill-Korporazzjoni bil-miktub dwar l-intenzjoni li tapplika għal-inċentiva provduta b'dan ir-regolament, titlef il-jedd li tkun eliġibbli għall-benefiċċju.

Iżda wkoll li għas-sena ta' stima 2003, dan l-avviż għandu jasal għand il-Korporazzjoni sa mhux aktar tard mill-31 ta' Ottubru 2003.

(4) Meta l-Korporazzjoni tkun sodisfatta bl-applikazzjoni msemmija f'dan ir-regolament, hija għandha toħroġ ċertifikat li jkun jindika l-ammont ta' profitti eliġibbli approvat għall-investiment mill-ġdid.

Kreditu ta' Taxxa għal Investit mill-ġdid.

4. (1) Meta l-Korporazzjoni jkun jidhrilha li profitti eliġibbli miksuba minn persuna eliġibbli jkunu twarrbu għall-iskop esklużiv tal-finanzjament ta' xi proġett ta' investiment mill-ġdid eliġibbli skond ma jkun dan ġie approvat mill-Korporazzjoni, u li l-profitti eliġibbli jew parti minnhom jkunu fil-fatt intużaw għal dak l-iskop, il-Korporazzjoni għandha toħroġ ċertifikat li jkun juri li kien hemm konformita u meta jsir dan il-persuna jkollha jedd għall-benefiċċju taħt is-subregolament (2) ta' dan ir-regolament.

(2) Il-benefiċċju disponibbli taħt dawn ir-regolamenti jkun fl-għamla ta' kreditu ta' taxxa għal investiment mill-ġdid ekwivalenti għat-taxxa li għandha titħallas fuq dik il-parti mill-profitti eliġibbli li jiġu investiti mill-ġdid fi proġett approvat abbażi ta' din il-formola li ġejja:

taxxa fuq l-*income* totali għas-sena bażi
nieqsa
t-taxxa fuq l-*income* totali wara li tiġi eskluża dik il-parti tal-profitti eliġibbli għall-istess sena bażi li tkun qegħda tiġi investita mill-ġdid, maħduma bir-rati li japplikaw għas-sena bażi.

(3) Persuna li tkun intitolata għal kreditu ta' taxxa dwar investiment mill-ġdid għar-rigward ta' xi sena ta' stima jkollha jedd tnaqqas mill-ammont ta' taxxa li jkun dovut fuq profitti kwalifikanti għal dik is-sena ta' stima l-ammont ta' kreditu ta' taxxa dwar investiment mill-ġdid, maħdum bħala proporzjon tan-nefqa kwalifikanti għall-profitti eliġibbli li jitqiesu bħala investiti mill-ġdid u moltiplikat bil-jedd għall-ogħla kreditu ta' taxxa miksub billi tiġi applikata l-formola fis-subregolament (2) ta' dawn ir-regolamenti.

(4) (a) Meta l-kreditu ta' taxxa dwar investiment mill-ġdid għal xi sena ta' stima jeċċedi t-taxxa li għandha titħallas minn dik il-persuna għal dik is-sena, l-eċċess għandu jiżdied mal-kreditu ta' taxxa dwar investiment mill-ġdid, jekk ikun hemm, għas-sena li tiġi minnufih wara:

Iżda daqstant mill-kreditu ta' taxxa dwar investiment mill-ġdid li ma jiġix hekk utilizzat fi tmiem xi sena għandu jiżdied għas-sena li tiġi

minnufih wara sas-sena ta' stima 2010 u ma tistax issir tpaċija tiegħu mat-taxxa dovuta fuq kull għajn oħra ta' *income* jew sabiex jiġi ġenerat xi rimbors ta' taxxa.

(b) Il-kreditu ta' taxxa dwar investiment mill-ġdid għandu biss jitnaqqas mit-taxxa dovuta fuq profitti kwalifikanti mill-istess għajn tal-profitti eliġibbli u għall-iskop ta' dan is-subregolament, profitti kwalifikanti jitqiesu bħala l-aħħar parti mill-*income* totali.

(ċ) Il-kreditu ta' taxxa dwar investiment mill-ġdid mogħti taħt dawn ir-regolamenti ma għandux ikun permess jekk il-profitti eliġibbli ma jkunux ġew investiti mill-ġdid, ukoll jekk dawk il-profitti jkunu twarrbu għal investiment mill-ġdid taħt proġett ta' investiment mill-ġdid eliġibbli.

(5) Meta persuna tkun ibbenefikat mid-disposizzjonijiet ta' dan ir-regolament, il-kreditu ta' taxxa dwar investiment mill-ġdid għal xi sena ta' stima għandu jitqies li jkun ħeles mit-taxxa daqstant mill-profitti kwalifikanti għas-sena li meta jiġu moltiplikati bir-rata jew bir-rati ta' taxxa li biha kienu qegħdin jitħallsu f'dik is-sena, ikunu daqs il-kreditu ta' taxxa dwar investiment mill-ġdid.

(6) L-*income* li għandu jitħallas li jitqies li jkun inħeles mit-taxxa skond is-subregolament (4) ta' dan ir-regolament, għandu, għall-iskopijiet ta' l-Att, jinżamm fin-negozju għal mill-inqas sa tmiem is-sena ta' stima 2009, u:

(a) fil-każ ta' xi individwu dan għandu jkun inkluż fil-kont kapitali u kull ċaqlieq f'dak il-kont għandu jiġi żvelat permezz ta' nota li ssir mad-dikjarazzjonijiet finanzjarji verifikati;

(b) fil-każ ta' kumpannija b'responsabbilta limitata dan għandu jiġi żvelat separatament fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji verifikati f'riserva intitolata "Riserva għal Investiment mill-ġdid".

(7) (a) Fil-każ ta' kumpannija b'responsabbilta limitata l-*income* kwalifikanti li jitqies li jkun ġie meħlus mit-taxxa jiġi allokat fil-Kont ta' Taxxa ta' Malta u, meta jsir it-tqassim, dan għandu jiġi eżentat mit-taxxa f'idejn azzjonisti sa l-aħħar nett mill-azzjonisti.

(b) Il-kumpannija għandha tiddikjara fid-*dividend warrant* li jkollu x'jaqsam ma' xi tqassim bħal dak li dak l-*income* ikun inħeles minn kreditu ta' taxxa dwar investiment mill-ġdid skond dawn ir-regolamenti, u li t-taxxa li tkun hekk ġiet meħlusa ma kienet se tkun disponibbli għal xi rimbors għal ebda skop ta' l-Att.

(8) Meta l-benefiċċju provdut b'dawn ir-regolamenti ikun dovut għal xi soċjeta, kull benefiċċju bħal dak ikun dovut lis-soċji ta' soċjeta bħal dik:

Iżda l-kreditu ta' taxxa dwar investiment mill-ġdid jiġi maħdum separatament għal kull soċju fuq is-sehem ta' profitt kwalifikanti attribwibbli lil dak is-soċju bil-mod stipulat fis-subregolament (4) ta' dan ir-regolament.

Ċertifikat ta' Konformità.

5. (1) Persuna li tkun tixtieq titlob kreditu ta' taxxa dwar investiment mill-ġdid għal xi sena ta' stima, għandha tippreżenta lill-Korporazzjoni, sa mhux iżjed tard minn tliet xhur qabel id-data ta' meta jrid jintbagħat il-prospett tat-taxxa, applikazzjoni bil-miktub sostenuta b'dikjarazzjonijiet finanzjarji verifikati u b'kull prova oħra dokumentarja li tista' tiġi hekk mitluba mill-Korporazzjoni.

(2) Kull applikazzjoni li tkun meħtieġa li tiġi ppreżentata lill-Korporazzjoni sabiex jinkiseb benefiċċju minn dawn ir-regolamenti għandha tkun f'dik l-għamla u jkun fiha dawk il-partikolaritajiet li l-istess Korporazzjoni tista' teħtieġ.

(3) Meta l-Korporazzjoni tkun sodisfatta li saru l-preżentati msemmija f'dan ir-regolament u fi żmien sittin ġurnata minn meta taslilha kull informazzjoni rilevanti li setgħet tkun talbet, hija għandha toħroġ ċertifikat ta' Konformita fejn jiġi kkonfermat li d-disposizzjonijiet kollha ta' dawn ir-regolamenti jkunu ġew imħarsa.

(4) Meta l-Korporazzjoni tagħti l-approvazzjoni tagħha għal xi skop taħt dawn ir-regolamenti, hija għandha tikkonferma l-approvazzjoni tagħha bil-miktub hekk li tistipula l-kondizzjonijiet li għandhom jiġu sodisfatti mill-persuna, u l-jedd tal-persuna għall-benefiċċju provdut b'dawn ir-regolamenti għandu jkollu bħala kondizzjoni l-produzzjoni ta' dik l-approvazzjoni bil-miktub.

(5) Il-Korporazzjoni għandha tgħaddi lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni kopji ta' ċertifikati u approvazzjonijiet maħruġin taħt id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti.

Eżami ta' *records*.

6. (a) Meta jingħata benefiċċju skond dawn ir-regolamenti, il-Korporazzjoni tista' :

i. minn żmien għal żmien tagħmel kull tali eżami ta' kotba u dokumenti, tispezzjona fondi fuq il-post u fuq kull tali ħaġa u affari oħra ta' dik il-persuna skond ma jista' jkun meħtieġ sabiex jiġi żgurat li l-benefiċċju jkun qed jiġi applikat għal dak l-iskop li jkun inħoloq għalih; u

ii. titlob dawk id-dikjarazzjonijiet finanzjarji mill-persuna bħalma tista' teħtieġ, sabiex dawn jiġu ppreżentati kull erba' xhur jew f'perjodi iqsar fid-diskrezzjoni tal-Korporazzjoni.

(b) Meta l-Korporazzjoni ma tkunx sodisfatta li persuna eliġibbli tkun qegħda tuża l-benefiċċju għall-iskop intiż jew tkun naqset milli twettaq xi kondizzjoni taħt dawn ir-regolamenti, dik il-persuna għandha minnufih titlef il-jedd għall-benefiċċju.

Kondizzjonijiet ulterjuri.

7. Għandhom ukoll jitwettqu dawn il-kondizzjonijiet ulterjuri li ġejjin biex ikun hemm eliġibilita għall-benefiċċju taħt dawn ir-regolamenti :

(a) il-prospett ta' taxxa flimkien mad-dikjarazzjonijiet finanzjarji verifikati li jinkorporaw il-kodiċijiet TIFD kif stipulati fir-Regoli ta' l-2002 dwar Indiċi tat-Taxxa dwar Informazzjoni Finanzjarja, għandhom jiġu ppreżentati lill-Kummissarju sad-data tal-prospett ta' taxxa relattiv għal kull sena ta' stima li tibda mis-sena bażi u għal kull sena konsekuttiva sussegwenti li matulha kreditu ta' taxxa dwar investiment mill-ġdid ikun disponibbli irrispettivament minn jekk jiġix użat jew le; A.L. 211 ta' 2002.

(b) ebda benefiċċju ieħor ma jkun qed jiġi mitlub jew jista' sussegwentement jiġi mitlub minn persuna dwar l-istess attivita jew proġett taħt xi leġislazzjoni oħra li tkun qed tagħti skemi ta' inċentiva fiskali;

(ċ) kull passiv ta' taxxa inklużi ammonti dovuti għar-rigward ta' taxxa FSS kif ukoll għal kontribuzzjonijiet tas-Sigurta Soċjali dovuti sa meta ssir l-applikazzjoni, ħlief għal xi taxxa li jista' jkun għad hemm tilwima fuqha, għandu jkun ġie mħallas jew ikun qed jiġi imħallas skond ftehim formali li jiġi abbozzat mill-Kummissarju.

Poter tal-Kummissarju.

8. Minkejja d-disposizzjonijiet l-oħra ta' dawn ir-regolamenti, il-Kummissarju jkollu l-jedd li ma jippermetti ebda kreditu ta' taxxa dwar investimenti mill-ġdid jekk isir xi nuqqas mill-applikant għar-rigward ta' xi disposizzjoni ta' l-Att jew ta' l-Att dwar is-Sigurta Soċjali. Kap. 318.